MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2006

Talba Numru. 956/2004

**Edgar Galea ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta Citadel Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha George Gerada**
**vs**
**Noela Briffa**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta Mejju 2004 fejn intalab li l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lill-attur nomine s-somma ta' hames mitt lira (Lm500) rapprezentanti danni sofferti mill-atturi meta l-konvenuta kienet qed issuq il-vettura numru BBB 039 nhar it-2 ta Mejju 2002 gewwa Hal Qormi u habtet mal-vettura numru LVY 128 proprjeta ta George Gerada u misjuqa minn Felice Grech u kkagunat danni f'din l-istess vettura ta l-ahhar u ghal liema ncident il-konvenuta kienet unikament responsabbli stante sewqan negligenti u traskurat da parti taghha.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta ittra ufficcjali pprezentata kontestwalment ma dan l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenuta u bl-imghax kontra l-istess konvenuta mid-data tan-notifika ta dan l-avviz li minn issa qed tigi ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta prezentata fit-28 ta Gunju 2004 fejn ikkontestat it-talbiet attrici stante li allegat li ma kellha ebda htija ghall-istess incident stradali u dana in vista tal-fatt li kien is-sewwieq Felice Grech unikament responsabbli ghall-istess.

Ra u ezamina l-provi kollha migjuba f’dan il-kaz inkluz id-dokumenti esebiti.

Sama t-trattazzjoni verbali tal-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi l-incident in kwisjtoni sehh meta l-konvenuta harget minn Triq ix-Xitwa ghal go triq il-Helsien mnejn kien ghaddej l-assikurat tal-attur u habtet go fih. Illi ma hemmx kontestazzjoni li triq il-Helsien hija t-trieq principali filwaqt li triq ix-Xitwa mnejn kienet gejja l-konvenuta hija trieq sekondarja. Illi mix-xhieda ta Felice Grech, tal-konvenuta u mir-rapport ta WPC 172 Ruth Gauci a fol 21 et seq tal-process ghandu jirrizulta minnghajr ebda ombra ta dubbju li l-incident sehh peress illi l-konvenuta ma haditx proper look out hi u hierga minn Triq ix-Xitwa ghal trieq il-Helsien. Il-konvenuta stess tammetti li qabel ma giet biex tohrog ma kienitx harset sew mnejn kien gej l-assikurat tal-attur stante li l-vizwali taghha kienet mghottija minn van li kien ghadu kemm ghadda. Illi ghalhekk hi u hierga mit-Trieq Sekondarja ghat-Trieq prinicpali, f’ebda hin ma rat lill-vettura tal-assikurat tal-attur li kien miexi gewwa t-Trieq Principali.

Illi ma jidhirx li kien hemm kontestazzjoni dwar il-kwantum tad-danni oltre li dawn jidhru ampjament ipprovati permezz tad-dokumenti esebiti.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jiddikjara li l-konvenuta kienet unikament responsabbli ghall-incident stradali in kwistjoni, kwindi jichad l-eccezzjonijiet sollevati minnha, jilqa t-talbiet attrici u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur nominee s-somma kif mitluba ta hames mitt lira (Lm500) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tan-notifika ta dan l-avviz u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza kontra l-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------